## 75 sena ilu ...

# L-Istatwa Mirakuluża ta' Ġesù Redentur trasportata lura lejn l-Isla wara l-gwerra

**Fabian Mangion**



Il-bidu tal-pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur fil-pjazza ewlenija ta' Raħal Ġdid.

Is-7 ta' April 1939 kien jum il-Ġimgħa l-Kbira. Dakinhar saret fl-Isla, u għall-aħħar darba qabel il-gwerra, il-purċissjoni bil-misteri tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Fis-sena ta' wara, għad li Malta ma kinetx għadha ntlaqtet direttament, festi u manifestazzjonijiet esterni kienu miżmuma milli jsiru.

### Jannar 1941

Iżda fil-ħemda tal-lejl tal-10 ta' Jannar 1941, l-*H.M.S. Illustrious*, bastiment tal-qawwa navali Ingliża, daħal u sorġa għall-kenn f'Parlatorio Wharf, f'Kordin, eżatt wara l-Isla. Fis-16 u fid-19 ta' Jannar 1941, l-ajruplani Ġermaniżi attakkaw bil-kbir lil dan bastiment. L-akbar ħsara, iżda, ma saritx lill-*Illustrious*, imma lill-Isla, lil niesha u lill-Knisja Bażilika tagħha.

Wara dawn l-attakki feroċi, kien jidher ċar il-periklu kbir li l-Isla u l-knisja parrokkjali tagħha kienu fih. Inħass għalhekk il-bżonn kbir li ssir xi ħaġa malajr kemm jista' jkun. B'xorti tajba, u min jemmen jgħid li bi grazzja kbira, ma ntmessux bil-bombi l-postijiet fejn kien hemm l-aktar żewġ teżori kbar tal-Isla, jiġifieri l-istatwa inkurunata ta' Marija Bambina u x-xbieha mirakuluża ta' Ġesù Redentur.

Ġie deċiż li jitneħħew mill-periklu li kienu fih. Immedjatament. fis-17 ta' Jannar, l-istatwa ta' Ġesù Redentur ittieħdet fil-knisja Kolleġġjata ta' Sant' Elena f'Birkirkara u, ftit tal-jiem wara, ittieħdet ukoll l-istatw tal-Bambina. Hemm baqgħu sa tmiem il-gwerra. Wara dawn, tneħħa mill-knisja tal-Isla dak kollu li seta' jinġarr, fosthom il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira li ttieħdu fir-raħal tan-Naxxar: il-Monument fil-knisja ta' San Ġakbu, u l-vari l-oħra fil-knisja ta' Santa Luċija.

### Settembru 1943

Fit-8 ta' Settembru 1943, waqt li fl-Isla, qalb il-bini mġarraf, kienet qed issir il-purċissjoni bil-Bambina, l-Armiral Soprintendent tat-Tarzna wassal nota lill-Arċipriet Kanonku Dun Manuel Brincat biex jinfurmah li l-Italja Faxxista kienet ċediet bla ebda kundizzjoni. Din l-aħbar intaqgħet b'ferħ u enżużjażmu kbir għaliex kienet tfisser li l-gwerra, għad li ma kinitx spiċċat għalkollox, kienet tbiegħdet mix-xtut ta' gżiritna.

Filwaqt li l-konsegwenzi tal-gwerra kienu qed jinħassu sewwa, l-Arċipriet Brincat beda jaħseb għat-trasport ta' kulma kien ittieħed 'l barra mill-Isla. Fil-bidu tal-1944, l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira kienu għadhom ma ġewx lura. Kien ukoll diffiċli li, f'toroq imħarbtin, tiġi organizzata purċissjoni bħal dik. Bil-Ġimgħa l-Kbira fil-qrib, anqas ir-Redentur ma kien ġie trasportat minn Birkirkara. Ix-xewqa kienet li l-purċissjoni ta' dik is-sena ssir bih.

Waqt konsulta tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, li saret fis-27 ta' Jannar 1944 fis-sala tal-Azzjoni Kattolika fil-Belt Valletta, il-Kanonku Dun Francesco Abela, Rettur tal-Fratellanza, esprima x-xewqa tiegħu li l-istatwa tar-Redentur tittieħed lura lejn l-Isla, flimkien mal-bqija, sabiex terġa' tiġi organizzata l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Mill-minuti ta' din il-konsulta nsiru nafu li l-Arċisqof Mikiel Gonzi, kien tkellem mal-Kanonku Dun Pawl Borg u wrieh li hu ma kienx tal-fehma li r-Redentur *jittieħed* l-Isla. L-Arċisqof issokta jgħidlu li r-Redentur hu statwa qadima ħafna u li f'dik is-sitwazzjoni setgħet tiġri xi ħaġa li ħadd ma kien jixtieqha.

Għaldaqstant, peress li l-Bażilika kienet imġarrfa, il-purċissjoni ta' dik is-sena, fil-31 ta' Marzu 1944, saret biss bl-istatwa ta' Kristu Mejjet u ħarġet mill-knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu (magħrufa bħala ta' San Filippu) li għal tlettax-il sena sħaħ, bejn l-1944 u l-1957, qdiet il-funzjoni ta' knisja parrokkjali sakemm il-Bażilika nbniet mill-ġdid.

**għal paġna 17**


SENGLEANI, U INTOM,
DEVOTI TA GESÙ REDENTUR
TGHARIF
PROGRAMM

Folju li kien tqassam lid-devoti dwar dak kollu li kien ser isir fl-okkażjoni tar-ritorn tal-istatwa ta' Ġesù Redentur lejn l-Isla. Serva wkoll ta' stedina lill-poplu Malti kollu biex jieħu sehem fil-pellegrinaġġ.



Il-prospettiva tal-irħam madwar in-niċċa tar-Redentur fl-Oratorju tal-Kurċifiss fl-Isla.



Il-ventartal tal-fidda li sar fl-1953 għall-artal ta' Ġesù Redentur.

**minn paġna 16**

Minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Arċisqof, waqt konsulta li saret fil-11 ta' Ġunju 1944 fil-kunvent ta' San Filippu Neri, fl-Isla, il-Kanonku Abela staqsa lill-fratelli preżenti jekk kinux tal-fehma li r-Redentur jiġi trasportat lejn l-Isla.

Ħadd ma kien kuntrarju u ddeċidew li jitqiegħed proviżorjament fil-knisja ta' San Ġiljan. Ħmistax wara, waqt konsulta li saret fl-istess post, fil-25 ta' Ġunju 1944, ġiet maħtura kummissjoni biex torganizza t-trasport tar-Redentur lura lejnIl-Fratellanza tal-Kurċifiss, konxja mid-devozzjoni li kienet tgawdi din ix-xbieha, mhux biss min-nies tal-Isla, imma mill-insara mxerrda ma' Malta kollha, stiednet lil kulħadd biex jieħu sehem fil-programm li tħejja apposta.



Il-pellegrinaġġ għaddej minn Triq il-Vitorja fl-Isla fit-trieqtu lejn il-knisja ta' San Filippu.

### Lulju 1944

It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, 3, 4 u 5 ta' Lulju 1944, ix-xbieha ta' Ġesù Redentur ġiet espost għall-qima tal-poplu fil-Kolleġġjata Matriċi ta' Birkirkara. Il-Ħamis, 6 ta' Lulju, fis-6.30 a.m. saret quddiesa letta bħala tislima lil Ġesù Redentur mill-Kanonku Prepostu Dun Manwel Vella. Fid-9.00 a.m., l-istatwa ġiet trasportata privatamentDawk l-erbat ijiem, mill-Ħamis, 6 sal-Ħadd, 9 ta' Lulju, kienu jiem ta' grazzja għall-parroċċa ta' Raħal Ġcid. Eluf ta' insara minn bosta rkejjen ta' Malta nxteħtu għarkupptejhom quddiem l-istatwa mirakuluża esposta fil-knisja, biex iqimu lill-Feddej tal-umanità. Madwar l-istatwa żżejjen b'ward mill-isbaħ u bid-dawl safrani tax-xema'.

Il-Ħadd, fit-8.30 a.m., fil-parroċċa ta' Raħal Ġdid, saret quddiesa sollenni mill-Kanonku Dun Manuel Brincat, Arċipriet tal-Isla. Il-mużika kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Frankie Diacono, *Maestro di Cappella* tal-Bażilika. Wara l-qari tal-Evanġelju, sar paneġierku mill-Kanonku Dun Ġorġ Sciriha. Fl-4.30 p.m., saret tħejjija għall-pellegrinaġġ minn Dun Frangisk Xuereb, Kappillan ta' Raħal Ġdid, u wara beda miexi l-korteo li għadda minn Triq Bormla għal Triq Għajn Dwieli.

L-iscouts ta' Raħal Ġdid u ta' Ħal Tarxien fetħu l-korteo u tnejn minn sħabhom imxew bil-bugles maġenb l-istatwa tar-Rendentur li, b'qima kbira, ġiet merfugħa fuq l-ispallejn. Wara s-Salib Imqaddes, mexa r-Rettur tal-Fratellanza, il-Kanonku Dun Franġisk Abela, li kellu wrajh bosta rġiel u subien. Wara l-istatwa mxew in-nisa. F'dan il-korteo twil, ħadu sehem għadd kbir ta' fidili u fosthom kien hemm min mexa ħafi jew bil-kalzetti biss ma' tul it-triq kollha.

Fil-5.30 p.m., il-Kapitlu Senglean, flimkien mal-Fratellanza tal-Kurċifiss, telaq mill-knisja ta' San Filippu sabiex jilqa' l-pellegrinaġġ ħdejn il-Pitkali (dik il-wesgħa li hemm hekk kif wieħed joħroġ mill-Isla sejjer lejn Bormla), allura fejn tibda il-parroċċa tal-Isla. L-iscouts tal-Isla fetħu l-pelleġrinaġġ. Is-Sengleani ħassew ferħ kbir tassew meta raw lir-Redentur dieħel minn taħt il-mina fost id-daqq ta' sitt buglers, ilkoll suldati tas-2nd K.O.M.R.



Il-wasla tal-istatwa tar-Redentur fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Filippu.

Kien ġie mistieden l-Eċċ. Tiegħu Mons. Emmanuel Galea, Isqof ta' Tralles u Vigarju Ġenerali, iben l-Isla, biex imexxi din l-aħħar parti tal-pellegrinaġġ. Minħabba xi ċirkustanzi li nqalgħu, l-Isqof Galea ma attendiex. Il-pellegrinaġġ, li allura tmexxa mill-Arċipriet tal-Isla, għadda minn quddiem il-Bażilika mġarrfa, tul Triq il-Vitorja sal-Knisja tal-Porto Salvo. L-istatwa ddaħħlet fil-knisja fost il-kant tat-*Te Deum*. Tkantat l-Antifona u l-Arċipriet għamel prietka qasira, appell imħeġġeġ għall-paċi fid-dinja. Wara ngħatat il-Barka Sagramentali.

Matul l-ewwel snin wara l-gwerra, saru x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni meħtieġa fl-Oratorju tal-Kurċifiss li wkoll ġarrab ħsarat tul il-gwerra. Meta dawn tlestew fl-1947, l-istatwa tar-Redentur reġgħet lura f'postha. Dak iż-żmien, saru wkoll xi dekorazzjonijiet. Fost dawn kien hemm il-ventartal tal-fidda għall-artal tar-Redentur biex jintuża fil-jiem tal-festa titulari u l-faċċata tal-irħam għan-niċċa. Il-ventartal, iddisinjat minn Antonio Sciortino fl-1938, ġie ordnat għand id-Ditta Battaglia ta' Milan u tlesta fl-1953, filwaqt li f'Ġunju 1957, il-Kurja tat il-permessi meħtieġa biex il-faċċata tan-niċċa tinkesa bl-irħam u tlestiet is-sena ta' wara.



L-istatwa ta' Ġesù Redentur quddiem il-knisja ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.